

Brussell, 30 ta' Settembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0055 (COD)

8351/1/25
REV 1 ADD 1

TRANS 152
JAI 504
CATS 17
COPEN 99
CODEC 492
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2025/... dwar ċerti skwalifiki mis-sewqan

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fid-29 ta' Settembru 2025

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effett fl-Unjoni kollha ta' ċerti skwalifiki mis-sewqan fl-1 ta' Marzu 2023 bħala parti mill-pakkett dwar is-sikurezza fit-toroq.
2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2024. Is-Sur Matteo Ricci (IT, S&D) inħatar bħala Rapporteur għall-10 leġislatura tal-Parlament Ewropew. Fis-7 ta' Ottubru 2024, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) ivvota biex jibda n-negozjati tat-trilogu.
3. Il-Kunsill (TTE, Trasport), qabel dwar Approċċ Ġenerali fil-5 ta' Diċembru 2024.¹
4. Fil-11 ta' Diċembru 2024 sar l-ewwel trilogu taħt il-Presidenza Ungeriża. It-tieni u l-aħħar trilogu sar fil-25 ta' Marzu 2025.
5. Fit-30 ta' April 2025, il-COREPER analizza t-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil u kkonfermah.
6. Fl-14 ta' Mejju 2025, il-President tal-Kumitat TRAN bagħtet ittra lill-President tal-COREPER li tikkonferma li, jekk il-Kunsill japprova t-test maqbul fl-ewwel qari, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari tiegħu.

II. OBJETTIV

7. Il-proposta għandha l-għan tistabbilixxi qafas tal-Unjoni għal effett fl-Unjoni kollha ta' ċerti skwalifiki mis-sewqan biex tiġi evitata l-impunità relattiva ta' trasgressuri serji tat-traffiku fit-toroq li mhumix residenti. Skont il-Proposta, l-Istat Membru li jkun ħareġ tali liċenzja tas-sewqan tal-awtur tar-reat ("Stat Membru tal-ħruġ") ser ikun obligat jimplimenta, f'kundizzjonijiet speċifiċi u f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu stess, skwalifika mis-sewqan imposta mill-Istat Membru fejn ikun twettaq reat serju tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq ("Stat Membru tar-reat").

¹ 16423/24.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Kuntest proċedurali

8. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim bikri fit-tieni qari abbażi tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. It-test tal-abbozz ta' pożizzjoni tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġiżlaturi.

Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin

9. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq qbil bejn il-koleġiżlaturi:
10. Ir-regoli dwar l-iskwalifika mis-sewqan huma inkorporati fid-Direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan.
11. Il-kundizzjonijiet għall-iskwalifika mis-sewqan li għandhom jiġu nnotifikati mill-Istat Membru tar-reat, l-informazzjoni li tinsab fin-notifika tal-iskwalifika mis-sewqan kif ukoll l-ammont ta' informazzjoni li għandha tiġi skambjata bejn l-Istat Membru tal-ħruġ u l-Istat Membru tar-reat ġew issimplifikati sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv.
12. It-tipi kollha ta' skwalifiki mis-sewqan ġew adattati sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati mill-Istati Membri kollha anke f'konformità mas-sistemi nazzjonali tagħhom.
13. Stat Membru jista' jaħtar diversi punti ta' kuntatt nazzjonali.
14. Ir-raġunijiet obbligatorji għall-eżenzjoni ġew limitati għal dawk ir-raġunijiet li l-Istati Membri jistgħu jivverifikaw minnufih.
15. L-Istat Membru tar-reat, f'konformità mar-regoli nazzjonali tiegħu u b'effetti limitati għat-territorju tiegħu, jista' japplika skwalifiki mis-sewqan u kull kundizzjoni komplementari stabbilita skonthom sakemm il-persuna kkonċernata tikkonforma magħhom.

16. L-Istat Membru tar-reat jista' jimponi perjodu ta' projbizzjoni għall-ħruġ mill-ġdid ta' liċenzja tas-sewqan li matulu jista' jiddeċiedi li ma jirrikonossix il-validità tal-liċenzja tas-sewqan li tkun inħarġet mill-ġdid fl-Istat Membru tal-ħruġ.
17. L-Istat Membru tal-ħruġ jista' jivvaluta l-idoneità u l-kompetenza għas-sewqan tax-xufier u jieħu kwalunkwe miżura meqjusa xierqa f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu.
18. Ġiet introdotta skadenza ta' 20 jum ta' xogħol għan-notifika tal-persuna kkonċernata mill-Istat Membru tal-ħruġ wara n-notifika mill-Istat Membru tar-reat. Madankollu, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jikkonforma ma' tali skadenza sa fejn ikun possibbli.
19. Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-inklużjoni tal-iskwalifiki mis-sewqan abbażi ta' reati oħra tat-traffiku fir-rieżami tagħha tad-Direttiva.
20. Ir-rappurtar mill-Istati Membri kien limitat; il-frekwenzi tar-rappurtar u tar-rieżami u l-perjodu ta' traspożizzjoni tar-regoli dwar l-iskwalifika mis-sewqan huma allinjati ma' dawk tad-Direttiva l-ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan.

IV. KONKLUŻJONI

21. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tappoġġa l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
22. Għalhekk, il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u li, ladarba tiġi adottata, id-Direttiva dwar ċerti skwalifiki mis-sewqan, li temenda [DIRETTIVA ĠDIDA DWAR IL-LIĊENZJI TAS-SEWQAN] ser tkun kontribut importanti għat-titjib tas-sikurezza fit-toroq fl-UE.